**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 3 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 63/2016**

**Brian Aber**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Brian Aber** fil-5 ta' Settembru 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*" Illi l-esponenti rcieva ittra datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn gie infurmat mit-Transport Malta illi l-istess Awtorita' kienet tal-hsieb illi tirrevokalu t-tag bhala xufier ta' taxi stante illi huwa m'ghadux jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba u dan ai termini tar-Regolament 11A (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';*

*Illi r-Regolament 11 jipprovdi illi persuna li tapplika għal permess ta' xufier ta' taxi għandha tissodisfa lill-Awtorità fost l-ohrajn li hi għandha reputazzjoni u kondotta tajba u ghalhekk dan ir-Regolament 11A (1) jipprovdi specifikament dawk ir-reati illi jekk persuna tinstab hatja taghhom ma titqiesx iktar li tissodisfa l-kriterju ta' kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Illi fil-fatt ir-Regolament 11A (1) jipprovdi:*

*11A. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif meħtieġ taħt ir-regolament 11 - (a) jekk hi tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*Illi skont l-istess ittra surreferita din id-decizjoni illi jirrevokawlu t-tag kienet qed tittiehed peress illi fil-konfront tal-esponenti kienet inghatat sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Brian Aber deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Gabriella Vella moghtija fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax li permezz tal-istess sentenza fuq ammissjoni l-esponent gie misjub hati illi kkaguna feriti ta' natura gravi u feriti ta' natura hafifa rispettivament fuq zewg cittadini Francizi liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

*Illi fl-istess ittra surreferita huwa inghata ghaxart ijiem zmien min-notifika sabiex jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub f'kaz illi ried jikkontesta tali decizjoni. Illi fil-fatt, permezz ta' ittra datata disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju huwa kkontesta tali decizjoni fejn spjega u ta r-ragunijiet tieghu il ghala ma kienx qed jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mit-Trasport Malta liema ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C';*

*Illi sussegwentement l-appellant rcieva ittra datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) minghand Transport Malta liema ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D' fejn gie infurmat illi l-Awtorita' wara li hadet konjizzjoni tar-rapprezentazzjonijiet tal-appellant, qed izzomm ferm mad-decizjoni taghha illi tirrevokallu t-tag tieghu bhala xufier tat-taxi stante illi skont is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellant huwa instab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement mghadux jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba sabiex izomm l-permess, it-tag u jagixxi bhala xufier ta' taxi. Illi ghalhekk, l-istess Awtorita' ssospendiet l-licenzja tal-appellant bhala xufier ta' taxi ghall-perjodu ta' sentejn b'effett mis-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax u rrevokat l-licenjza tal-appellant bhala xufier ta' taxi.*

*Illi l-appellant jirrileva illi d-decizjoni finali mehuda mill-Awtorita' tat-Transport ta' Malta hija wahda ingusta, irragjonevoli, bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u kif ukoll sproporzjonata ghall-fatti specje tal-kaz u dan kif se jipprova l-istess esponent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*Illi fil-fatt, jigi rilevat illi r-reat illi bih gie akkuzat l-esponenti kien jirrigwarda kaz pjuttost sfortunat. Illi fil-fatt, l-esponenti waqt li kien fuq xogholu tella' koppja anzjana illi minkejja d-diversi tentattivi tal-esponenti sabiex jikkomunika maghhom huma ma riedu b'xejn jikkomunikaw mieghu. Fil-fatt, huma riedu biss li jkellmuh bil-lingwa taghhom u cioe' l-Franciz minkejja li l-esponenti jaf jitkellem biss bit-Taljan u bl-Ingliz. Illi inoltre, l-istess koppja anzjana lanqas sahansitra riedu jtuh l-indirizz fejn irid iwassalhom u kien biss wara diversi tentattivi illi fl-ahhar qabduh mas-sid tal-post fejn kienu sejrin u dan fehem lill-esponenti fejn ried iwassalhom. Illi di piu' xhin waslu fuq il-post il-mara haditlu n-numru tar-registrazzjoni tat-taxi sabiex tkun tista' tirraportah u xhin l-esponenti prova johdilha l-karta hi ghamlet zewg passi lura u waqghet fl-art. Ir-ragel taghha xhin ra illi l-mara tieghu*

*tinsab fl-art mar fuq l-esponenti u beda jtih (tah diveri daqqiet) fejn spicca biex tajjarlu n-nuccali wkoll u stante illi l-esponenti kien bla nuccali u ma tantx kien qed jara sew hareg idu u laqat lir-ragel f'wiccu. Fi, kliem iehor din il-koppja ghamlulu l-vjagg tieghu mizerja u minn fuq riedu sahansitra jirraportawh apparti illi r-ragel mar jaggredixxi lill-esponenti ghas-sodisfazzjon.*

*Illi din il-verzjoni tal-fatti hija sahansitra konfortata mill-istqarrija illi l-esponenti rrilaxxa lill-Ufficjali tal-Pulizija nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) liema stqarrija huwa ghazel illi jiffirma wkoll. Illi ghalhekk wiehed irid jara r-retroxena u c-cirkostanzi li wasslu ghall-kaz li bih tressaq l-esponenti stante illi l-feriti sofferti mill-vittmi ma kienux rizultat ta' azzjoni deliberatament maghmula mill-mittenti imma sforz biss ta' incident sfortunat.*

*Illi sussegwentement l-esponenti gie akkuzat illi nhar l-1 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-22:35 ta' filghaxija gewwa Haz-Zebbug: (1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Bruno de Bon fil-periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikaw Dr.Caroline Jarte M.D. u Dr.Robert Patiniott M.D.; (2) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marie de Bon, hekk kif iccertifika Dr.Robert Patiniott M.D. Illi meta tressaq il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Lulju tas-sena kurrenti l-Ispettur illi mexxiet il-kaz u cioe' l-Ispettur Kylie Borg stess ikkonfermat il-verzjoni tal-fatti fejn iddikjarat illi dana kien kaz li sfortunatament eskala bejn il-partijiet anki minhabba diffikultajiet ta' kommunikazzjoni. Illi inoltre wiehed irid jikkonsidra wkoll illi l-esponenti rregistra ammissjoni bikrija tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u fil-fatt il-Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi huwa irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u li kkopera mal-Pulizija.*

*Illi f'dan l-istadju jigi rilevat illi l-Kodici Kriminali jistipula zewg kazijiet u zewg pieni differenti f'kaz ta' feriti ta' natura gravi. Illi dawn jinsabu delineati fl-Artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali:*

*Artikolu 216:*

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata lpiena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu –*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew filfunzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal- ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda millkavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*Artikolu 218*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, filgħonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*Illi din id-distinzjoni tinstab ukoll fir-Regolament 11A (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 fejn din il-Ligi appozitament issemmi biss l-Artikolu 218 izda mhux l-Artikolu 216. Ghalhekk l-Awtorita' meta tigi biex tirrevoka t-tag tal-mittenti ghandha tara jekk il-fatti tal-kaz li bihom gie akkuzat u sussegwentement misjub hati l-mittenti jaqghux taht l-Artikolu 216 jew l-Artikolu 218 u ghandha tirrevoka biss f'dawk il-kazijiet fejn ir-reat ikun jaqa' taht l-Artikolu 218.*

*Illi l-esponenti umilment jirrileva illi n-natura tal-feriti sofferti mill-vittma Bruno de Bon ma jinkwadrax ruhhom taht l-Artikolu 218 izda jinkwadraw ruhhom taht l-Artikolu 216 peress illi l-vittma kulma kellu kien ksur f'imniehru. Ghalhekk l-azzjonijiet tal-esponenti la kkagunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-vittma, la gabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ u lanqas gabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, filgħonq jew f'waħda mill-idejn tal-vittma peress illi kulma kien hemm ksur. Ghalkemm il-ksur tal-imnieher tal-vittma jinkwadra bhala ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216 l-istess ksur ma jinkwadrax taht l-Artikolu 218 stante illi l-ferita ghalkemm gravi mhix permanenti u ghalhekk l-esponenti jhoss illi huwa ma kellux jigi sospiz ai termini tar-Regolament 11 peress illi l-feriti mgarrba mill-vittma mhumiex ai termini tal-Artikolu 218.*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi huwa qatt ma kellu ebda tip ta' problemi fil-kors tax-xoghol tieghu; jirrizulta fil-fatt illi s-servizz tieghu kien dejjem wiehed impekkabli, fejn qatt ma inghata ebda warning jew xi xorta ta' twissija ohra. Apparti minn hekk fuq ix-xoghol tieghu dejjem kien persuna illi kien ta' ezempju ghall-kollegi tieghu. Illi jigi rilevat ukoll illi l-esponenti huwa persuna b'fedina penali netta li qatt ma xifer difru mal-gustizzja u hlief ghal dan l-incident qatt ma kellu problem mal-Pulizija.*

*Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan il-kaz ghandu jigi trattat ukoll minn aspett umanitarju. L-esponenti ghandu partner illi qeghdin jahsbu biex jibnu familja u dan ifisser illi jekk jitkecca mix-xoghol tieghu se tkun ferm difficli ghalih illi jkompli bil-pjanijiet anke tenut kont tal-fatt tad-diffikulta' biex jerga' jsib xoghol iehor.*

*Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar l-imsemmija decizjoni tat-Transport ta' Malta datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena kurrenti u ghaldaqstant ma jissospendix l-licenzja tal-esponenti bhala xufier ta' taxi ghall-perjodu ta' sentejn u ma jirrevokax l-licenzja tal-esponenti bhala xufier tat-taxi;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi d-decizjoni tat-Transport Malta datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena kurrenti hija zbaljata u ingusta u ghalhekk tali decizjoni ghandha tigi mhassra u revokata u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lill-intimat Transport Malta ma jissospendix il-licenzja bhala xufier ta' taxi ghal perjodu ta' sentejn b'effett mis-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax tal-esponent u ma jirrevokax l-licenzja tieghu bhala xufier ta' taxi;*

3. *Tordna kull provvediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 3 ta' Ottubru 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Preliminarjament, in-nullita' tal-att gudizzjarju pprezentat mir-rikorrent stante illi huwa pprezenta 'Rikors' waqt li dan l-Onorabbli Tribunal huwa vestit bil-gurisdizzjoni li jisma' u jitratta appelli minn decizjonijiet amministrattivi, u kwindi kellu jigi prezentat rikors ta' appell.*

1. *Fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Brian Aber permezz tal-ittra taghha datata 24 t'Awissu, 2016 (prezentata bhala Dok. 'D' mar-Rikors promotur) hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u ghalhekk ghandha tigi konferma u r-rikors prezentat mir-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

2. *Illi, bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fis-6 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Brian Aber' (liema sentenza ma gie intavolat ebda appell minnha u ghalhekk saret wahda finali u definittiva) ir-rikorrent Brian Aber gie misjub hati li kkaguna offizi ta' natura gravi bi ksur tal-provvedimenti tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Jigi rilevat li, a tenur tar-Regolament 11A (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija tkun instabet hatja ta' reat kontemplat fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Oltre dan, permezz tal-imsemmija sentenza, ir-rikorrent Brian Aber gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin u ghalhekk awtomatikament huwa applikabbli wkoll fil-konfront tieghu s-sospensjoni tal-licenzja bhala xufier ta' taxi a tenur tar-Regolament 14(2)(a), il-proviso tar-Regolament 14(3) u r-Regolament 11A(1)(e) ta' L.S. 499.59.*

3. *Illi, konsegwentement, id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti li tissospendi l-licenzja tar-rikorrent Brian Aber bhala xufier ta' taxi ghall-perjodu ta' sentejn b'effett mis-6 ta' Lulju, 2016 u skond il-provvedimenti tar-Regolament 14(2)(a), il-proviso tar-Regolament 14(3) u r-Regolament 11A(1)(e) ta' L.S. 499.59 u tirrevoka l-licenzja tieghu bhala xufier ta' taxi u dan skond il-provvedimenti tar-Regolament 14(3) u tar-Regolament 11A(1)(a) ta' L.S. 499.59 hija decizjoni moghtija perfettament in konformita' u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi vigenti u ghalhekk ma tistax u m'ghandhiex tigi revokata. Dan l-Onorabbli Tribunal certament mhuwiex vestit bil-poter li jissindika jekk il-ligi vigenti hijiex gusta o meno (tali mansjoni tispetta, semmai, lill-qorti ta' indole kostituzzjonali) izda semplicement li jara jekk tali ligi gietx applikata korrettement o meno mill-Awtorita'. Fil-kaz odjern, m'hemm l-ebda dubju illi l-ligi giet applikata korrettement in vista tas-sentenza fuq imsemmija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fis-6 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Brian Aber'.*

4. *Illi, in kwantu ghall-aggravji sollevati mir-rikorrent dwar jekk il-fattispecie tal-kaz tieghu kinux jinkwadraw ruhhom fil-parametri tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali o meno, certament li dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jagixxi bhala xi forma ta' Qorti ta' Kassazzjoni bix jirrevedi l-korrettezza o meno tas-sentenza moghtija minn Qorti vestita b'gurisdizzjoni kriminali. Dik hija s-sentenza, is-sentenza hija definittiva, ma sar ebda appell minnha u ghalhekk l-Awtorit'a rispondenti kienet fid-dmir – liema dmir hija adempiet kompletament u korettement – li tapplika l-ligi fil-konfront tar-rikorrent skond l-imsemmija sentenza.*

5. *Illi, fir-rigward tat-talba sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jordna lill-Awtorita' rispondenti sabiex ma jissospendix il-licenzja bhala xufier ta' taxi tar-rikorrent ghall-perjodu ta' sentenjn, jigi rilevat li tali sospensjoni diga tinsab in vigore u jigi rilevat b'kull rispett illi l-Att kostituttiv li permezz tieghu gie mahluq dan l-Onorabbli Tribunal ma jvestix lil dan it-Tribunal bil-poter li jaghti xi ordni pendente lite biex l-effetti tas-sospensjoni jigu mwaqqfa. F'dan ir-rigward l-Awtorita' rispondenti taghmel riferenza ghal digriet f'dan is-sens moghti minn din l-Onorabbli Awtorita' fl-atti tal-kawza fl-ismijiet 'Louis Camilleri –vs- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta' (Avviz Nru. 133/2013CG) deciza fis-6 t'Ottubru, 2015. F'dak il-kaz ukoll ir-rikorrent Louis Camilleri kien ghamel talba sabiex jinghata ordni sabiex id-decizjoni tal-Awtorita' tkun sospiza pendente lite u dan l-Onorabbli Tribunal kien cahad it-talba.*

6. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent Brian Aber ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu. "*

Ra l-affidavit tar-rikorrent, tal-Inginier Ronald Attard Pullicino u ta' Mario Grixti;

Sema’ lill-Ispettur Kylie Borg;

Sema’ l-kontro-ezami tar-rikorrent u l-konfront bejnu u bejn l-Inginier Ronald Attard Pullicino;

Sema’ t-trattazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b’decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 24 ta’ Awwissu 2016 li permezz taghha gie mgharraf illi kienet qieghda tissospendilu l-licenzja tieghu bhala xufier ta’ *taxi* ghal perjodu ta’ sentejn u tirrevokalu l-licenzja tieghu bhala xufier tat-*taxi* u dan peress li ma baqghax jissodisfa l-kundizzjoni ta’ reputazzjoni u kondotta tajba a tenur tar-Regolament 11A (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 wara li nstab hati permezz ta’ sentenza tas-6 ta’ Lulju 2016 ghall-kommissjoni ta feriti gravi u hfief fuq zewg turisti.

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa kien involut f’kaz sfortunat fejn kellu jwassal zewg passiggieri bit-taxi tieghu li bdew jikkomunikaw mieghu bil-Franciz u peress li hu ma kienx jaf bil-Franciz kellu problema anke biex iwassalhom fejn riedu sakemm irnexxielu jikkomunika ma’ sid il-post fejn l-istess passiggiera kienu se jigu ospitati. Jghid li wara li wassalhom fil-post fejn riedu huwa kellu bzonn l-ircevuta li kienet f’idejn il-passiggiera mara biex eventwalment jithallas tal-vjagg, pero` din ma taghtilhux u x’hin ipprova johodilha din ghamlet zewg passi lura u waqghat mal-art. Meta zewgha ra hekk huwa aggredixxa lir-rikorrent, tant li tajjarlu n-nuccali, u x’hin mar biex jigbru mill-art hareg idu biex ma jirfislux l-istess nuccali u laqat lill-imsemmi passiggier x’aktarx bic-cinga tal-arlogg.

Jispjega li meta gie mressaq il-Qorti huwa ammetta pero` ma kienx jaf bil-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni.

**L-Ispettur Kylie Borg** xehdet illi f’Lulju 2016 kien dahal rapport minghand koppja Franciza li sofrew xi griehi minn xufier ta’ *taxi*. Tispjega illi hija hadet il-verzjoni tar-rikorrent fejn spjegalha d-diffikulta li kellu biex jikkomunika mal-passiggieri in kwistjoni u li meta wassalhom fid-destinazzjoni taghhom il-passiggiera mara ma riditx taghtih karta li permezz taghha huwa seta’ jithallas min-naha tat-*taxi booth* gewwa l-Ajruport ta’ Malta. Tghid li dwar kif gara l-incident hija kellha verzjonijiet differenti pero` meta tressaq il-Qorti r-rikorrent kien ammeta ghar-reati li kkommetta griehi hfief u gravi. Tghid li r-rikorrent ma kienx ried avukat jassistih. Tispjega li hija bhala ufficjal prosekutur harget

l-imputazzjonijiet kemm taht l-artikolu 216 u kif ukoll taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun koperta. Tghid li sal-istadju tal-prezentata l-unika prova li kien hemm kienet certifikat mediku ta' griehi gravi minhabba li kien hemm ksur fl-imnieher. Tispjega li lir-rikorrent ma kinitx dahlet f'dettall mieghu dwar id-differenza bejn l-artikolu 216 u l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

**Ronald Attard Pullicino** u **Mario Grixti**, rispettivament *Manager* u *Executive* mal-Awtorita` intimata, spjegaw illi wara li rcieva il-pre-avviz tal-Awtorita` intimata bl-intenzjoni taghha li tirrevokalu t-*tag* ta' xufier tat-*taxi*, ir-rikorrent kien mar ikellimhom fejn spjegalhom li skond hu ma kienx hati u li kien ammetta l-htija ghax hekk kien gwidat mill-Ispettur Borg.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini ta' Regolament 9 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 *"persuna ma tistax issuq taxi sakemm ma jkollhiex permess ta' xufier ta' taxi"* filwaqt li ai termini tar-~Regolament 16 (1) *"L-Awtorità għandha, meta toħroġ permess ta' xufier ta' taxi, tagħti lill-applikant li jgħaddi tag ta' xufier"* liema *tag* ghandha tintlibes mix-xufier f'kull hin li jkun fuq xoghol.

Illi ai termini tar-Regolament 11 (1), fost il-kundizzjonijiet li persuna trid tissodisfa biex l-Awtorita` tohrog permess ta' xufier ta' *taxi* hemm li l-persuna trid tkun ta' "reputazzjoni u kondotta tajba". Illi mbaghad Regolament 11A jaghti elenku shih ta' istanzi fejn persuna ma titqiesx li ssodisfat il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Fost dawn insibu c-cirkostanza fejn persuna tinstab hatja ta' reat ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, u *cioe`* r-reat ta' offiza gravissima fuq il-persuna. Istanza ohra hija meta persuna tinsab hatja ta' reat u tigi kkundannat perjodu ta' prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ikun gie sospiz. F'dan l-ahhar kaz il-persuna misjuba hatja tkun ikkunsidrata li ma tissodisfax il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghal dak il-perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija.

Illi ai termini tar-Regolament 14 (2) "*il-permess ta' xufier ta' taxi għandu jiġi revokat meta d-detentur ma jissodisfax aktar il-kundizzjonijiet li hemm fir-regolament 11"*

Illi issa fil-kaz odjern ir-rikorrent gie misjub hati permezz ta' sentenza tas-6 ta' Lulju 2016 li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bruno de Bon u griehi hfief fuq il-persuna ta' Marie de Bon. Fuq ammissjoni huwa gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin.

Illi mill-provi u mit-trattazzjoni orali jirrizulta illi l-kontestazzjoni principali hija li meta r-rikorrent ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu huwa ma qghadx jaghmel distinzjoni fuq liema artikolu huwa kien qieghed jammetti. Meta mbaghad il-Qorti ta' gurisidizzjoni kriminali giet biex tippronunzja s-sentenza, hija kkwotat l-artikoli tal-ligi li dwarhom l-imputat kien qed jigi misjub hati, haga li hija tassattiva biex is-sentenza ma tkunx nulla. Fil-fatt dik il-Qorti ikkwotat, fost artikoli ohra, kemm l-artikou 216 u kemm l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li artikolu 216 jitratta dwar offiza gravi punibbli bi prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin, l-artikolu 218 jitratta dwar offiza gravissima punibbli bi prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin.

Illi dan it-Tribunal jista' jifhem is-sottomissjonijiet legali u teknici tar-rikorrent. Pero` jibqa' l-fatt li dan it-Tribunal mhux xi Qorti ta' l-Appell u lanqas xi Qorti tat-Tielet Grad. It-Tribunal irid jirrevedi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata abbazi tas-sitwazzjoni kif temergi mis-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent. Illi t-Tribunal jikkoncedi, kif *del resto* ammettiet anke l-Ispettur Kylie Borg, illi z-zewg artikoli gew imnizzla fic-*charge sheet* biex il-Prosekuzzjoni tkun eventwalment koperta kieku l-kawza hadet il-kors taghha u kompliet il-Kumpilazzjoni. Pero` gara illi r-rikorrent ammetta mal-ewwel udjenza u ghalhekk ma nhassitx il-htiega li jigu prodotti provi ulterjuri, ghajr ic-certifikat mediku, biex il-Qorti tkun fi grad li tippronunzja sentenza. Illi t-Tribunal jikkoncedi illi kieku l-Kumpilazzjoni pprocediet il-griehi gravi setghu jigi ikklassifikati ahjar taht liema artikolu tal-ligi jaqghu, pero` issa f'dan l-istadju dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda poter li jaghmel hu dak li ma sarx fil-proceduri penali.

Ghaldaqstant it-Tribunal irid jezamina jekk abbazi tas-sentenza pronunzjata, l-Awtorita` intimata kinitx gustifikata jew le li tissospendi u tirrevoka t-*tag* tar-rikorrent abbazi li ma baqghax jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Illi t-Tribunal ma jhossx li hemm wisq lok ghal interpretazzjoni ohra hlief li jaqbel illi l-Awtorita` intimata interpretat u mxiet ma' dak li tiddetta l-ligi. Ladarba fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2016 ir-rikorrent gie misjub hati anke taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, ftit kien hemm x'tista' taghmel l-Awtorita` hlief li tipprocedi biex tirrevoka l-istess *tag.*

Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem ic-cirkostanzi li fih gara dan l-incident, ir-rikorrent ghazel li ma jkunx assistit minn avukat fil-waqt tal-ammissjoni tieghu u ma rax l-ispettru kollu tal-konsegwenzi ta' tali ammissjoni. Madankollu dan it-Tribunal ma jistghax jaghmel tajjeb ghal tali nuqqas.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrent filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**